MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 20/2014

**David Barry (Numru ta' Passaport PT0968425)**

**VS**

**Ministeru ghall-Finanzi kif rapprezentat mic-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board**

It-Tribunal,

**Ra r-rikors** ipprezentat minn David Barry datat 4 ta' Frar 2014 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' applikazzjoni datata 8 ta' Novembru 2013 magħmula minn l-appellant ai termini ta' Artikolu 19 tal-Att ta' Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta) u ta' Regolament numru 4 ta' L.S 368.01 Regoli dwar Ezenzjoni mit-Tazza tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, l-appellant talab l-Awtorita tat-Trasport f'Malta biex ikun ezenti mit-taxxa peress illi l-vettura, li xtara fit-30 ta' Settembru 2011 mill-Irlanda, kienet ser tinġieb Malta b'mod permanenti meta huwa kien ser jitrasferixxi r-residenza normali tiegħu mill-Irlanda għal Malta u għalhekk il-vettura kienet tikkwalifika għal ezenzjoni skond il-Liġi;*

*Illi permezz ta' ittra datata 15 ta' Jannar 2014 (ittra annessa u mmarkata bħala Dok DB1), l-appellant ġie innotifikat illi ai termini ta L.S. 6 tas-sena 2012, speċifikament Artikolu 4(3), l-applikazzjoni għal-ezenzjoni mit-taxxa ġiet miċħud miċ-Chairman tat-Transfer of Residence Exemption Board fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi a bazi tas-segwenti raġuni li ser tiġi riprodotta a verbatim:*

> *"Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under Rule 4(3) (a) "it shall have been registered in the name of the individual transferring his normal residence for a period of at least twenty-four months immediately before the date of his transfer of residence to Malta and is still so registered when the vehicle is imported or brought into Malta.*
>
> *You have the right to appeal from this decision, within21 days from the date of this decision, before the Administrative Review Tribunal in accordance with the provision*
>
> *of the Administrative Justice Act (Cap 490) and regulations in terms of the Act. A copy of this procedure is attached.*
>
> *For this purpose, unless you intend to appeal, the temporary permit issued on the 2nd December 2013 is beng hereby revoked."*

*Illi l-appellant ħassu ruħhu aggravat minn din is-sentenza u huwa għalhekk li qed jinterponi dan l-umli appell*

*Illi l-aggravju tal-appellant huwa ċar u manifest u jikkonsist fis-segwenti:*

***<u>Apprezzament u kunsiderazzjoni ta' ċirkostanzi fattwali żbaljati mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta</u>***

*Illi l-ewwel u l-uniku aggravju ta' din id-deċizjoni hija kostatazzjoni fattwali skorretta da parti tal-Ministeru tal-Finanzi peress illi mhuwiex minnu li l-vettura ma kienetx reġistrata f'isem l-appellant għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar (24) qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta;*

*Illi dan l-izball minn naħa ta' l-Awtorita huwa ċar u manifest għaliex l-appellant xtara din il-vettura in kwistjoni (Volkswagen Tiguan) fit-30 ta' Settembru 2011 (fattura annessa u mmarkata bħala Dok DB 2) u li kienet reġistrata fis-26 ta' Novembru 2011;*

*Illi it-trasferiment attwali tar-residenza tal-appellant minn l-Irlanda għall Malta effetivament saret fl- 1 ta' Ottubru 2013 (u dan skond l-anness ittra mill-post tal-impjieg tiegħu annessa u mmarkata bħala Dok DB 3);*

*Illi tant kemm kien grossolan dan l-izball illi meta, fit-22 ta' Jannar 2014, l-appellant mar l-uffiċċju tal-Awtorita tat-Trasport Malta sabiex jindaga għalfejn kien sar dan l-izball, biex jistaqsi fuq il-proċedura tal-appell u biex xi ħadd ikun jista jispjegalu għalfejn ma ingħatatlux l-ezenzjoni tat-taxxa, l-uffiċċjal pubbliku Rita Mifsud, ikkonfermat illi l-applikazzjoni għal-ezenzjoni tiegħu kienet ġiet aċċettata u fil-fatt ħarġitlu l-liċenzja għall-istess vettura bl-ezenzjoni tat-taxxa kif kien talab fl-applikazzjoni tiegħu, log book bl-imsemmija ezenzjoni u l-pjanċi kif rikjest mill-appellant u dan ai termini ta' Artikolu 19 tal-Att ta' Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta) u ta' Regolament numru 4 ta' L.S 368.01 Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (kopja tal-fattura datata 22/01/2014 flimkien ma' kopja tal-liċenzja u l-log book tal-vettura in kwistjoni immarkata bħala DB 4 sa DB 7);*

*Illi wara li inħargitlu l-liċenzja in kwistjoni uffiċċjal pubbliku iehor, ċertu Joseph Pace (uffiċjal tal-Awtorita tat-Trasport f'Malta) ikkomunika mal-appellant sabiex jgħidlu illi l-liċenzja u il-log book ħarrġu bi zball u kellu jirritornah;*

*Illi huwa għalhekk illi sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu għas-sottomissjoni prinċipali illi issa la ħarġet il-liċenzja d-deċizjoni tal-15 ta' Jannar 2014 ġiet superata, qed iressqu dan l-appell.*

*Għaldaqstant, għal kull bwon fini, u mingħajr preġudizzju għas-sottomissjoni li l-liċenzja hija valida, l-appellant jitlob l-Onor. Tribunal sabiex tħassar u tirrevoka d-*

*deċizjoni tal-15 ta' Jannar 2014, u jordna l-istess sabiex jikkonferma il-validita tal-liċenzja maħruġa fit-2 ta' Diċembru 2013."*

**Ra r-risposta** ipprezentata mill-**Ministeru tal-Finanzi** datata 21 ta' Frar 2014

*"*

1. *ILLI* ***in linea preliminari*** *jiġi rilevat illi l-Ministeru tal-Finanzi mhux il-legittimu kontradittur għall-allegazzjonijiet li saru fir-rigward tal-licenzja, logbook u pjanċi maħruġa u rtirati u kif ukoll għall-allegat żball tal-Awtorita' tat-Trasport Malta, għaliex mhuwiex responsabbli mill-ħruġ tal-liċenzji u għalhekk mhuwiex edott mill-fatti tal-każ f'dak ir-rigward. Huwa ma jistax iwieġeb għall-Awtorita' tat-Trasport Malta għaliex l-awtorita' hija distinta għal kollox mil-Ministeru intimat;*

2. *ILLI* ***fil-mertu u bla preġudizzju*** *għal dak fuq premess, l-esponent jeċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *ILLI bla preġudizzju jintqal illi mhijiex l-Awtorita' li setgħet tiddeċiedi dwar jekk ir-rikorrent jikkwalifikax għall-eżenzjoni dwar it-taxxa iżda l-eżenzjoni jew deċiżjoni ta' rifjut għal eżenzjoni tista' tingħata biss mill-Ministeru intimat;*

4. *ILLI l-Ministeru intimat ta d-deċiżjoni ta' rifjut fuq id-dettalji fl-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa u d-dokumentazzjoni li rċieva;*

5. *ILLI l-esponent jirrileva illi kien hemm raġunijiet validi skont il-liġi li fuqhom ġiet ibbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għall-eżenzjoni tat-taxxa ai termini tar-**Regolament 4 (3) (a) tal-LN 6 tas-sena 2012**, fejn l-imsemmi regolament jirrikjedi illi sabiex vettura tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjoni taħt is-subartikolu (1) **"hija trid tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta;";***

6. *ILLI jirriżulta mill-applikazzjoni sottomessa mir-rikorrent għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura, datata 5 ta' Novembru 2013 u li tinsab hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok A****, li l-vettura tal-marka Volkswagen bin-numru ta' reġistrazzjoni barrani 11KE 4217* ***ġiet reġistrata ġewwa l-Irlanda fis-27 ta' Settembru 2011****;*

7. *ILLI jirriżulta mid-dikjarazzjoni tar-rikorrent stess fl-applikazzjoni li* ***d-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu f'Malta hi 5 ta' Settembru 2013*** *u għalhekk ma kienx*

*ilha reġistrata f'ismu għal erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta;*

*5. ILLI għalhekk, l-applikazzjoni tar-rikorrent giet miċħuda stante li hu ma ssodisfax il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi Regolament;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ;*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-Rikors Promotur, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

Ra d-dokumenti annessi mar-rikors promutur u mar-risposta;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-Ministeru intimat;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghal sentenza preliminari rigward l-istess eccezzjoni;

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproceda bir-rikors odjern fejn talab lil dan it-Tribunal ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru intimat datata 15 ta' Jannar 2014 u sabiex jordna lill-istess Ministeru jikkonferma l-validita` tal-licenzja mahruga fit-2 ta' Dicembru 2013.

Illi l-Ministeru intimat laqa' ghat-talbiet tar-rikorrenti billi preliminarjament eccepixxa li hu mhux il-legittimu kontraditur ghall-allegazzjonijiet li saru fir-rigward tal-licenzja, logbook u pjanci mahruga u rtirati u kif ukoll ghal-allegat zball tal-Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta ghaliex mhux responsabbli ghall-hrug tal-licenzji.

Illi jirrizulta illi r-rifjut da parti tat-Transfer of Residence Exemption Board ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta’ registrazzjoni kien ibbazat fuq Regolament 4 (3) (a) tal-Avviz Legali 6 tal-2012 u cioe:-

*“Biex vettura tkun tista’ tikkwalifika għal eżenzjoni taħt is-subregola (1) –*

*(a) hija trid tkun ilha reġistrata f’isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta’ mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi mpurtata jew miġjuba f’Malta.”*

Illi jirrizulta illi r-rikors promutur qieghed jattakka zewg decizjonijiet u cioe qieghed jattakka d-decizjoni tal-Ministeru intimat kif kontenuta fl-ittra datata 15 ta’ Jannar 2014, u qieghed ukoll jattakka d-decizjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta fejn talbitu jirritorna l-licenzja u l-*log book* stante li skond l-istess Awtorita` dawn hargu bi zball.

Illi dan huwa xenarju pjuttost insolitu fejn fil-15 ta’ Jannar 2014 jigi deciz li r-rikorrent ma jikkwalifikax ghall-ezenzjoni u mbaghad fit-22 ta’ Jannar 2014 jigi verbalment infurmat minn ufficjal tal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta li l-ezenzjoni tieghu kienet giet accettata u fil-fatt inhargitlu l-licenzja bl-ezenzjoni, liema ezenzjoni kienet ghadha kemm giet rifjutata mill-Ministeru intimat.

Illi pero dan it-Tribunal, f’dan l-istadju, mhux se jidhol fil-mertu tal-kwistjoni. Dak li jrid jigi deciz f’din is-sentenza preliminari huwa jekk il-Ministeru intimat huwiex il-persuna li ghandha tirrispondi ghad-decizjoni li r-rikorrent ghandu jirritorna l-logbook, licenzja u pjanci wara l-allegat zball li sar mill-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta.

Illi huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta u l-Ministeru intimat huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skond il-Ligi hija mghonija bil-poter li tohrog l-ezenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjoni ta’ vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-Transfer of Residence Exemption Board. L-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta m’ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero l-istess Awtorita` trid timxi fuq dak deciz mill-imsemmi Bord. Min-naha l-ohra hija biss l-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta li ghandha l-poter li tohrog il-licenzji

tal-vetturi u ghaldaqstant dan it-Tribunal, jekk semmai ghandu tali poter, ma jista’ qatt jaghmel l-ordni rikjesta mir-rikorrenti u cioe li jordna lill-Ministeru intimat jikkonferma l-validita tal-licenzja mahruga favur ir-rikorrent.

Illi ghalhekk, minghajr ezitazzjoni, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Ministeru intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent ghal dak li ghandu x’jaqsam validita ta’ licenzja mahruga fit-22 ta’ Jannar 2014[1]. Pero jibqa’ l-fatt illi huwa l-persuna li ghandha tirrispondi ghad-decizjoni mehuda fil-15 ta’ Jannar 2014 mit-Transfer of Residence Exemption Board.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-opinjoni li l-Ministeru intimat ghandu ragun fl-ewwel eccezzjoni tieghu pero dan limitatament fir-rigward tat-talba tar-rikorrent biex dan it-Tribunal jordna lill-istess Ministeru jikkonferma l-validita` tal-licenzja mahruga mill-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-Ministeru Intimat fis-sens iktar ‘il fuq espress.

L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] U mhux kif erronjament indikat fl-ahhar paragrafu tar-rikors promutur fit-2 ta’ Dicembru 2013